SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 62/K9/23

Data tal-laqgħa: 11 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin Sultana – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsillier
John Agius – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (3)**

Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula
Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul
Il-Kunsillier Sean Gauci

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

62.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u il-Kunsillier Sean Gauci talbu li jiġu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

62.1.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li ssir minuta silenzju għal mewt ta' hu iċ-Ċermen Guido Dalli. Iċ-Ċermen irringrazzja lill-kulħadd.

**62.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

62.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 61/K9/23.

62.2.02 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti.

62.2.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 61/K9/23.

62.2.04 Iċ-Ċermen Guido Dalli ssekondaha fl-approvazzjoni tagħhom.

62.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

62.3.01 Ġnien Spinola – qed nistennew li ssir laqgħa oħra minħabba li dik li kellha ssir ġiet posposta. Ġejna infurmati li f'Jannar li ġej ser jibdew ix-xogħolijiet ġewwa Ġnien Spinola. Ser tkun qed tinqala wkoll Triq Paceville dwar xogħolijiet fid-dranaġġi.

62.3.02 Irċivejna *draft agreement* ta' kif ser ikunu qed jintefqu l-flus li ngħataw mingħand il-kuntrattur Pawlu Xuereb dwar proġett li ser ikun qed issir min-naħa tagħhom. Kien hemm xi affarijiet neqsin fid-*draft agreement* u dawn ġew miżjuda fosthom li dawn ser jintefqu fi żmien erbgħa snin. Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar dawn il-flus. Iċ-Ċermen spjega li dawn il-flus flok intefgħu fil-fond tal-Urban Development Fund (minħabba proġett li ser ikun qed isir ġo San Ġiljan) dawn ser jingħataw dirett lill-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jintefqu fil-lokalita'.Min Jannar li ġej dawn jistgħu jibdew jintefqu.

62.3.03 Laqgħa dwar it-*traffic management* – ser issir laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia. Din ser issir għada it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023 fit-3.00p.m.

62.3.04 Dwar l-escooter intbagħatet l-ittra sabiex jinżammu l-parking bays għal dawk l-iscooters privati.

62.3.05 L-ittra li kellha tintbagħat dwar ir-residential parking dwar Triq Lapsi u Triq San Mark, din intbagħatet lit-Transport Malta.

62.3.06 Iltaqa' mal-Perit David Vassallo minn Infrastructure Malta, fejn ġie diskuss il-bankina li hemm ġewwa Triq Ġorġ Borġ Olivier. Wara l-festi ser ikunu qed jiltaqgħu sabiex naraw kif din ser tkun qed issir.

62.3.07 Coffee Morning – dan kien suċċess. Ser inkunu qed nippruvaw nibdew nagħmlu attivita' kull xahar. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssuġerrit li nkelmu lill-headmaster tas-Sacred Heart sabiex dawn l-attivitajiet jkunu jistgħu jsiru hemmhekk.

62.3.08 Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Kunsilliera Rita Dimech Portelli li reġgħet tat l-injections ta' l-influwenza.

62.3.09 Ingħataw tlett defibrillators. Dawn ser jiġu installati kif kien deċiż fil-laqgħat preċidenti.

62.3.10 Iċ-Ċermen spjega dwar li avviċinaħ persuna li huwa nteressat li jieħu f'idejħ it-telephone box ġewwa l-Balluta sabiex din tinqaleb f'library bil-kotba. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed ikellem lil din il-persuna.

62.3.11 Il-Malta Tourism Authority bdew jirranġaw id-dwal minn ħdejn il-Banis sa' ħdejn il-Gululu f' Xatt is-Sajjieda. Dawn ser ikunu qed jsiru kollha ġodda. Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt dwar diversi belisha beacons li hemm bżonn li jsiru manutenzzjoni fuqhom.

62.3.12 Iċ-Ċermen ressaq it-talba biex wieħed mill-impjegati jkollu titjib fil-kundizzjonijiet f'paga aktar diċenti skont ireresponsabiltajiet u l-ammont ta' xogħol li dejjem jiżdied. Il-Kunsill approva din il-proposta.

62.3.13 Iċ-Ċermen spjega dwar is-sitwazzjoni tal-clinic li ser isir ġo San Ġiljan, huwa spjega li ltaqa' mal-persuni kkonċernati iżda dakinhar kellu jitlaq mil-laqgħa minħabba li kien hemm il-mewt ta' ħuħ. Għaldaqstant din il-laqgħa ser terġa ssir.

## 62.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

62.4.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li ssir zebra crossing ħdejn il-Balsons. Din kienet diġa intbagħtet lit-Transport Malta. Ser tkun

qed tintbagħat reminder dwar tal-lifelong learning li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċidenti.

62.4.02 Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa dwar kif bqajna dwar Triq Arċisqof Romero dwar l-iscaffolding li intramma. Talab li tintbagħat lill-ERA dwar dwar l-iregolarizazzjonijiet. Huwa ġie nfurmat li dawn ġa weħlu ċitazzjoni minħabba li dan beda jarma minn qabel ma inħareġ il-permess. Huwa spjega wkoll li quddiem l-Indipendent f' Telgħet Birkirkara hemm culverts li ser jisfrundaw.

62.4.03 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar diversi advertising barriers li huma vojta mingħajr l-ebda reklami magħhom. Huwa issuġerixxa li ma dawn il-barriers vojta jsiru reklami b'informazzjoni fuq San Ġiljan. Iċ-Ċermen spjega li dawn ma jistgħux jsiru min-naħa tagħna. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jikkuntatja lill-kuntratturi li għandhom l-advertising barriers sabiex jkellimom fuq dawn il-barriers.

62.4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli reġgħet qajmet il-punt dwar il-gabbana u s-sandwich board li għadha hemmhekk quddiem il-Knisja ta' Balluta. Ġie deċiż li dan jimxi ħdejn il-Latrina fil-Balluta. Hija qalet ukoll dwar tappiera mkissra fuq bankina fi Triq Manwel Dimech quddiem BOV.

62.4.05 Il-Kunsillier Victor Vella tkellem dwar fejn hemm il-village core f' San Ġiljan l-kubetti niżlu kollha. Iċ-Ċermen spjega li dalwaqt għandha tibda issir Triq il-Kbira. Huwa spjega li quddiem il-Costa Café fi Triq Ġorġ Borġ Olivier hemm xi tappieri li ser jisfrundaw. staqsa dwar Telghet Birkirkara il-culvert.

62.4.06 Ingħalqu l-evalwazzjonijiet tat-tenders dwar it-tenders li ħarġu dwar il-Christmas Lights u l-electric vehicle għal anzjani. Il-Kunsill approva dawn l-evalwazzjonijiet. Dwar it-tender sabiex jinxtara vann għal użu tal-Kunsill ma ntefat l-ebda offerta. Għaldaqstant dan ser jerġa jinħareġ.

62.4.07 Il-Kunsillier Victor Vella qajjem il-punt dwar il-problema ta' min jaħdem full time minħabba li meta jattendu laqgħat relatati mal-Kunsill qed jispiċċaw mingħajr l-leave speċjalment is-Sindku. Huwa talab li għandu jiġi kumpensat. L-Aġent Segretarju spjega li din ma tistax issir. L-Aġent Segretarju spjega li nistgħu nagħmlu hija li għandha tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill qiegħed jissuġġerixi li s-Sindku għandhu jiġi kkumpesat għal din s-sitwazzjoni u b'hekk inkunu nistgħu nġibu direttiva' min-naħa tagħhom.

62.4.08 Saret riferenza dwar korrispondenza mingħand it-Transport Malta dwar Paceville Traffic Management. Din ser tkun qed tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir għada dwar it-traffic management.

62.4.09 Email dwar talba sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Elija Zammit. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma din il-proposta li din il-bankina tiġi rranġata għas-spejjez tagħhom. Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona li għandha tintbagħat lill-lukandi u restoranti biex bħal dan l-applikant jirranġaw il-bankina ta' quddiemom u jkunu qed jagħtu xi ħaġa lura ta' ġid lill-komunita'. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

62.4.10 Talba sabiex isir stand fi Triq Dragunara lejliet l-ewwel tas-sena. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li jinħareġ il-permess neċessarju.

62.4.11 Talba sabiex issir kiosk mingħand l-EPIC ġewwa Tigulio temporanja mill-1 ta' Jannar 2024 sa l-aħħar ta' Frar 2024. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħareġ il-permess neċessarju.

62.4.12 Iċ-Ċermen ressaq ittra dwar l-istatwa li hemm ġewwa l-Balluta. Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Din l-ittra għandha tintbagħat lill-Pulizija biex jikkonfermaw jekk din il-persuna teżistix.

62.4.13 Il-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista jixtiequ jgħamlu lapida faċċata fejn kien hemm il-każin tan-Nazzjonalisti biex jikkomomoraw il-bomba li kienet tpoġġiet fil-każin fis-26 ta' Diċembru 1984. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**62.5 Performance Appraisal**

62.5.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-perfomance bonus ta' l-impjegati. Il-Performance Bonus tas-Segretarju ser jinqasam nofs sena fuq Cher Fenech li kienet f'din il-kariga sa l-aħħar ta' Mejju filwaqt li mill-1 ta' Ġunju sa' l-aħħar tas-sena kien qiegħed f'din il-kariga l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li għandhom jingħataw it-10% tal-performance bonus. Filwaqt li l-impjegati kollha għandhom jingħataw il-full performance bonus jiġifieri 6%.

**62.6 Trasferiment tal-*Leave***

62.6.01 Il-Kunsill qabel mat-trasferiment tal-leave tal-impjegati.

**62.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

62.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6063 sa 6077. (Ara Appendiċi 'A').

62.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**62.8 Skeda tal-Pagamenti**

62.8.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

62.8.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

62.8.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondatu fl-approvazzjoni.

**62.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

62.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024 fil-laqgħa 5.00p.m.

62.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

62.9.03 Iċ-Ċermen awgura l-Milied u s-Sena t-tajba lill-kulħadd.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 16 ta' Jannar 2023**